MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 1620/2010

**Joseph Said, esercitanti l-kummerc taht l-isem
"Buss Auto Dealer"
ID No. 2576554 M**

**vs**

**L.A. Enterprises Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu ddikjara li l-ammont pretiz jirraprezenta l-valur ta' danni mgarrba mill-attur bhala risultat ta' l-ezekuzzjoni hazina da parti tal-konvenuta tax-xoghol ta' *glazed curtain walling* f'showroom li ghandu l-attur fi Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda minn dan

it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet: (1) Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili; (2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta kien skond is-sengha u l-arti, tal-kwalita' pattwita u ezegwit sew; (4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz is-socjeta' intimata ma hix responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mill-attur; (5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu jgib prova tad-danni realment subiti minnu; (6) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2012, fejn is-socjeta' konvenuta ddikjarat illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha hija ai termini tas-subinciz (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Illi rrizulta illi s-socjeta' konvenuta wettqet xoghol ta' installazzjoni ta' aluminium frames u hgieg f'showroom gewwa Hal Qormi, proprjeta' tal-attur, u dan fuq inkarigu tal-istess attur. Illi x-xoghol ta' installazzjoni ta' hgieg kien sar f'zewg fazijiet; l-ewwel fazi kienet tikkonsisti fl-installazzjoni ta' hgieg fil-pjan terren ta' dan is-showroom, liema xogholijiet gew imwettqa 'l fuq minn ghaxar (10) snin ilu, filwaqt illi t-tieni fazi kienet tikkonsisti fl-installazzjoni ta' frames u l-hgieg tal-faccata tal-istess

showroom, izda fl-ewwel sular, liema xoghlijiet jidher illi gew imwetqa ghall-habta tal-2006.

Illi mix-xhieda li nghatat mill-partijiet u ohrajn, ma jirrizultax daqstant car meta s-socjeta’ konvenuta wettqet ix-xoghol fuq inkarigu tal-attur; madanakollu, u mid-dokumenti li gewipprezentati mis-socjeta’ konvenuta, jirrizulta li din irrilaxxjat stima a favur tal-attur datata 3 ta’ Dicembru, 2002, izda mill-annotamenti li hemm fuq l-istess stima, jidher illi gie mwettaq pagament mill-attur fit-3 ta’ Dicembru, 2002 u iehor fil-21 ta’ Marzu, 2005, filwaqt illi l-bilanc gie saldat permezz ta’ tpartit ma’ vettura, liema trasferiment a favur ta’ bint ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, u cioe’ Maxine Attard, sar fit-8 ta’ Marzu, 2007.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, inkluz rapport ta’ Perit Arkitett inkarigat mill-attur sabiex jirrelata dwar il-hsara li rrizultat fil-hgieg u l-frames tas-showroom proprjeta’ tal-attur, ma jirrizultax daqstant car jekk il-hsara rrizultatx fis-sular ta’ isfel, jew dak ta’ fuq tax-showroom in kwistjoni. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjara li l-hsara in kwistjoni, u cioe’ dik lmentata mill-attur, raha, u anke rrimedja parti minnha l-ghada stess li l-attur cempillu sabiex jinformah illi kien inqala’ jew inkiser xi hgieg mill-faccata minhabba r-rih. Jidher illi s-socjeta’ konvenuta ma talbet ebda hlas ghax-xogholijiet rimedjali li wettqet. Jidher ukoll, illi dawn ix-xogholijiet ma kienux sufficjenti sabiex dawn il-hsarat jigu rimedjati ghal kollox, u wara xi zmien, l-attur inkariga s-servizzi ta’ terzi sabiex jigu kompletati x-xogholijiet ta’ tiswija mehtiega.

Ikkunsidra,

Illi l-Artikolu tal-Ligi li in forza tieghu s-socjeta’ konvenuta ssollevat l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta’ hames (5) snin. Illi l-azzjoni in kwistjoni giet proposta fl-1 ta’ Novembru 2010. Illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-hsara fil-hgieg tax-showroom mertu ta’ din il-kawza grat fil-bidu ta’ Marzu 2009. Jidher illi m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet ukoll dwar meta gew installati mis-socjeta’

konvenuta l-frames tal-aluminium u l-hgieg fl-ewwel sular tax-showroom, u cioe' fil-perjodu bejn l-2005 u l-2007, u dan in bazi tad-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li ddikjara li dan ix-xoghol sar fl-2006, filwaqt illi mill-pagamenti u tpacija li jidher li saru mill-attur lis-socjeta' konvenuta, u li jirrizultaw mid-dokumenti li jinsabu a fol. 20 u 21 tal-atti, dawn saru bejn Marzu 2005 u Marzu 2007. Dwar meta twahhal il-hgieg fil-pjan terran mhuwiex daqstant car, izda skond ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, dan kien madwar hmistax (15)-il sena ilu. Illi skond il-Perit Buhagiar, il-permess ghall-izvilupp hareg fit-13 ta' Lulju, 1998, u ghalhekk il-hgieg tax-showroom necessarjament, u sigurament, twahhal wara dik id-data, u ghalhekk huwa ferm probabbli li twahhal inqas minn hmistax (15)-il sena ilu.

Illi madanakollu, u kif it-Tribunal 'gia kellu okkazjoni li jirrileva, m'huwiex daqstant car – mill-provi mressqa mill-partijiet – dwar liema fazi tax-xoghol qed jilmenta l-attur, u cioe' jekk hux l-ewwel jew it-tieni fazi tax-xoghol imwettaq mis-socjeta' konvenuta.

Illi fi kwalunkwe kaz, u ladarba l-attur qed jitlob hlas ghal "danni" sofferti minnu bhala "rizultat ta' l-esekuzzjoni hazina da part[i] tal-konvenuta tax-xoghol ta' *glazed curtain walling* f'showroom", kwalunkwe terminu preskrittiv applikabbli ghal din l-azzjoni ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' esekuzzjonu u installazzjoni tax-xoghol. Illi ki8f gie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Ray Pace et vs SN Properties Limited et (429/03 NC)** deciza fit-28 ta' Ottubru, 2005; "*...fil-kaz tal-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156 (f) il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri, mhux minn meta l-appaltant sar jaf jew induna bix-xoghol hazin, izda mill-mument li avvera ruhu l-fatt illecitu li pprovoka d-danni, u ghalhekk mid-data tal-eskuzzjoni tax-xoghol.*" Illi tenut kont tan-natura odjuza tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u tenut kont tal-insenjament tal-Qrati taghna illi ghandu jkun hemm applikazzjoni ristrettiva ta' din l-eccezzjoni, allura kwalunkwe dubbju ghandu jimmilta a favur tal-kontroparti; gialadarba ma rrizultax sodisfacentement jekk il-hsara irrizultatx fix-xoghol ezegwit mis-socjeta' konvenuta fl-

ewwel fazi, jew dak ezegwit fit-tieni fazi, allura t-Tribunal ma jistax – di sento – jasal ghal ebda konkluzjoni dwar liema data ta' esekuzzjoni tax-xoghol hija applikabbli. Jsegwi ghalhekk illi din l-eccezzjoni m'ghandhix tigi akkolta, tenut kont illi f'dak li jirigwarda t-tieni fazi tax-xogholijiet, u cioe' dawk li gew imwettqa f'xi zmien bejn l-2005 u l-2007, il-hames (5) snin kienu ghadhom ma skorrewx meta giet proposta din l-azzjoni.
Illi huwa wkoll rilevanti, fil-fehma ta' dan it-Tribnunal, il-fatt illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta wettaq xi xogholijiet ta' riparazzjoni – anke jekk mhux kompluti – fix-showroom proprjeta' tal-attur meta dan tal-ahhar lmenta li garrab il-hsara f'Marzu 2009. Illi tali azzjoni da parti tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta tista' tigi meqjusa bhala rikonoxximent da parti tas-socjeta' konvenuta tal-jedd tal-attur li jsir ix-xoghol rimedjali da parti tal-istess socjeta' konvenuta. Illi tali azzjoni tista' tigi meqjusa bhala rinunzja sufficjentement cara u univoka da parti tas-socjeta' konvenuta tal-preskrizzjoni gja kompita.

Illi fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta m'ghandhix tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------